UFFIĊĊJU TAL-KABINETT
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

# Għoti ta' Unuri u Dekorazzjonijiet Nazzjonali

Malta tagħti ġieħ pubbliku lil ċittadini Maltin li jiddistingwu ruħhom f'oqsma differenti tal-ħajja u li l-kontribut u l-kisbiet tagħhom kabbru l-ġid u tejbu l-kundizzjonijiet ġenerali taċ-ċittadini Maltin.

Kull ċittadin Malti, grupp ta' persuni jew organizzazzjoni volontarja li tkun reġistrata mal-Kummissarju skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji jistgħu jiġu nominati għall-għoti ta' unur f'Jum ir-Repubblika.

Nominazzjonijiet għas-sena 2020 qegħdin jiġu aċċettati mill-Kumitat tan-Nomini. Dawn għandhom jintbagħtu fuq il-formola tan-nomina *liċ-Chairperson,* Kumitat tan-Nomini, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta VLT 2000, mhux aktar tard mill-Erbgħa, 5 t'Awwissu 2020.

Il-formoli jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta jew mill-*website* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru www.opm.gov.mt. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kabinett fuq 22001481.

Il-persuni nominati la għandhom jiġu kkuntattjati għal xi dettalji u lanqas infurmati dwar in-nominazzjoni tagħhom.